# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 801

KAZ NRU. 1061

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Helen Mercieca

u

J. Piccinino Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 28 ta’ Frar, 1997

**Chairman : Is-Sur Maurice Petrocochino**

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta’ ittra datata 2 t’Awissu, 1996, Ref. ME 4/95/169/III biex jigi processat skond l-Artikolu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Kumpanija sostniet li l-appellanti kienet impjegata maghha u kienet ilha tiehu hsieb il-hanut ta’ tas-Sliema xi tnax-il sena. Tallega li meta harget tqila, nghatalha il-leave tat-tqara skond il-ligi izda meta dan skada ma riedetx tkompli fuq bazi *full time* u riedet tahdem nofs ta’ nhari biss. Jinghad hawn li l-allegat leave tat-tqala nghata ferm qabel is-7 xhur tqala.

Meta s-Socjeta’ ma setghetx taccetta din it-talba, l-appellanti telqet ‘il barra u ma rrapurtatx ghax-xoghol u

ghalhekk il-Kumpanija tirritjeni li l-appellanti kienet irrizenjat minn jedda.

L-appellanti isostni li tul l-ahhar tnax-il sena hija kienet tiehu hsieb il-hanut ta’ tas-Sliema u fil-fatt kienet il factorum tal-hanut - tiftah, taghlaq, tirrimpjazza l-merkanzija mibjuha billi taghmel lista tal-bzonnijiet, tirranga l-merkanzija ecc. Kienet taghmel kollox wahedha hlief fil-Milied u fil-bidu tas-sajf meta kien ikollha ghajnuna minn *sales girl*.

Hi tghid li kienet ghadha tqila f’Gunju u wara li skadew il-15 il-jum ordnat mit-tabib cemplet il-Belt u talbet li tibda tiehu l-filghaxijiet off. Din it-talba giet acettata pero’ wara hmistax-il gurnata (4 ta’ Lulju) din giet mibdula mis-sur Vince Vella li ma riedx jaf li kellha hafna leave akkumulat mis-sena 1994. Qalet ukoll li meta, sal-4 ta’ Lulju, kienet bin-nofs ta’ nhari il-Kumpanija kienet tibghat lil Dorianne Stubbings fil-hanut u anke bejn il-5 ta’ Frar u s-27 ta’ Marzu 1996 meta kienet bis-*sick leave*, kien sar dan.

Dan it-Tribunal ma jistax jichad il-principju li kuntratt ta’ servizz maghmul mill-principal u accettat mill-impjegat huwa sagrosant u ghalhekk jista’ jinbidel biss jew b’konsensus jew b’impozizzjoni statutorja.

Fl-istess hin it-Tribunal ma jistax jaccetta li parti wahda tesigi “il-pound of flesh” u ghalhekk waqt li dejjem gie sostnut  li tkeccija ghandha tkun l-ahhar pass meta jfallu r-rimedji l-ohra kollha, l-impjegat ukoll dejjem gie avzat li kellu jiehu hsieb l-azjenda li taghtih ix-xoghol.

Irrizulta issa li ma l-allegata tkeccija jew mal-allegata rizenja l-appellanti thallset Lm748 ghal bilanc tal-leave.

Il-Kumpanija qajmet zewg punti dwar il-leave;

(a) li ma jistax jigi akkumulat u

(b) li l-principal ghandu diskrezzjoni meta jawtorizzah.

Il-Wage Regulation Orders jiffissaw dritt ghall-leave pero' la jaghtu fakolta' li dan il-leave jigi akkumulat u lanqas li jigi maqsum f'perijodi ta' sieghat; tajjeb li jinghad hawn li ta' spiss f'certi Ftehim Kollettivi jigi miftiehem li numru specifikatament limitat ikun jista' jittiehed bin-nofs ta' nhari - konferma ghalhekk li l-leave ghandu jittiehed bil-gurnata u mhux jithallas jekk mhux bi ftehim personali bejn iz-zewg partijiet.

Ghalhekk billi l-appellanti kienet intitolata ghal numru ta' sieghat leave, ghalkemm ma kellhiex dritt tiehdu bin-nofs ta' nhari, baqghat ntitolata ghalih qabel ma jintemm l-impjieg taghha peress li setgha jaghti l-kaz li wara tali perijodu ta' mistrieh waqt tqala hi setghet targa tibda tahdem fil-hinijiet regolari.

Mix-xhieda tas-sur Vince Vella tal-21 ta' Jannar, 1997 irrizulta li s-Lm748 li kienu thallsu, kienu dovuti ghall-390 siegha xoghol maghmul kull 3 sieghat kull Sibt u cioe' 156, 156 u 78 ghas-snin 1994, 1995 u nofs 1996 kif ukoll ghall-bilanc ta' leave ordinarju u mhux mehud ma tul l-istess perijodu ammontanti ghall-300 siegha vuoldiri total ta' 690 siegha. Matul l-istess xhieda s-sur Vella stqarr li kien sar kompromess biex dan l-akkumular kellu jitqies bhala leave dovut; jinghad hawn li kieku l-appellanti riedet flus, kif gie allegat, kienet titlob il-hlas u mhux thalli akkumulazzjoni ta' sentejn u nofs.

Id-deduzzjoni maghmula mill-Kumpanija dwar il-fatt li l-appellanti ma marretx tkellem lis-sinjura Piccinino, ghalkemm

plausibbli, ma tistax tigi accettata ghaliex deduzzjoni ohra - opposta - hija daqs tant plausibbli ghaliex

(a) l-ahwa Vella kienu hut is-sinjura Piccinino u allura jitkellmu b'certa awtorita'

(b) Alfred Vella fil-bidu awtorizza n-nofs ta' nhari u imbaghad qallha li ohtu ma riedetx tkompli b'dak l-arrangament (allegazzjoni li ma gietx kontradetta mill-Kumpanija) u

(c) Vince Vella dahal wara huh Alfred u allura l-appellanti setghet tahseb li d-decizjoni kienet finali.

Fl-istess seduta tal-21 ta' Jannar, 1997, it-Tribunal kellem, separatament lill-partijiet u rega' rrakkomanda ftehim bonarju peress li minn naha wahda leave ta' sentejn u nofs kellu jinghata qabel ma jigi nfurzat l-obbligu ta' l-attendenza skond il-kuntratt tas-servizz u dana anke ghax la l-Kumpanija hallsitha ma kien hemm ebda tbatija li jinghata leave ta' granet shah; minn naha l-ohra l-appellanti giet rakkomandata li tonora ftehim li kienet accettat liberament.

Minn din ir-rakkomandazzjoni ma sarx ftehim u ghalhekk wara li sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet, i-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija ghagglet wisq meta, waqt li rrifjutat, bi dritt kollu, li taghmel arrangament ghal nofs ta' nhari ma offrietx leave ta' granet shah dovuti lill-appellanti; b'hekk f'dik id-data, id-decizjoni ta' temm tal-impjieg kienet ingusta, l-ewwel nett ghax decizjoni gusta setghet tittiehed biss wara li jghaddu dawk is-690 siegha u mbaghad ghar-raguni ga msemmija li wara tali mistrieh setgha jkun il-kaz li l-appellanti kienet tkun kapaci terga' tibda b'hinijiet normali.

Ghal dawn il-mottivi t-Tribunal jordna li l-appellanti terga' tigi mehuda fl-impjieg u tithallas l-paga kollha dovuta mis-6 ta' Lulju, 1996 sad-data ta' din id-decizjoni wara li jitnaqqsu dawk is-Lm748 ga mhallsa.

Dan it-Tribunal jwissi lill-appellanti li kuntratt ta' servizz li hi accettat kien ghal gurnata xoghol shiha u ghalhekk jekk hi tonqos milli toqghod ghad dak il-ftehim l-agir taghha ghandu jitqies bhala rizenja volontarja bl-obbligu li jew tahdem in-notice jew issofri d-deduzzjoni preskritta fil-ligi.

Minhabba l-partikolarijiet tal-kaz, l-appellanti qeda tinghata 3 ijiem zmien, (inkluz il-Hadd) mil-lum biex tiddeciedi x'sejra taghmel; u cioe' li jekk trid tahdem ghandha tirrapporta ghax-xoghol fit-3 ta' Marzu, 1997 fil-hin normali tax-xoghol taghha fl-ufficcju, 239 Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta. Dawn il-granet m'ghandhomx jigi kkunsidrati ghall-paga.

Ghall-fini tar-Regolamenti tal-1986 (A.L. 48 tal-1986) dwar drittijiet li jithallsu, maghmula taht il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta, t-Tribunal qieghed jintaxxa lil kull wiehed miz-zewg difensuri tal-partijiet d-dritt ta' Lm40.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------
Maurice Petrocochino
CHAIRMAN

------------------
Joyce Agius
A/SEGRETARJA

mrg